

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1328/2013**tat-12 ta' Diċembru 2013**

li jagħti kumulazzjoni transreġjonali bejn l-Indoneżja u s-Sri Lanka fir-rigward tar-regoli tal-orijini użati għall-għanijiet tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati skont ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jfissra d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 86(5) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jipprevedi u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom il-pajjiżi benefiċjarji tas-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati tal-Unjoni (SPG) li jappartjenu għal gruppi reġjonali I u III jistgħu jitħallew jużaw materjali ta' xulxin taħt tip speċifiku ta' kumulazzjoni normalment imsejħa "kumulazzjoni transreġjonali".
- (2) Permezz ta' ittra datata l-15 ta' April 2013, l-Indoneżja u s-Sri Lanka ppreżentaw talba konġunta għal kumulazzjoni transreġjonali skont l-Artikolu 86(5) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.
- (3) Il-pajjiżi kkonċernati jipproponu li, sabiex ikun stimulat il-kummerċ u jikkontribwixxi għat-tkabbir taż-żewġ ekonomiji, is-settur tat-tkabbir tat-tabakk tal-Indoneżja jitħalla jforni lis-settur tal-manifattura tas-sigarri tas-Sri Lanka b'materjal ta' orijini Indoneżjana, li s-Sri Lanka tkun tista' tuża hemmhekk taħt kumulazzjoni billi taħdmu jew tipproċessah ulterjorment b'mod li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 78(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.
- (4) Fit-talba ż-żewġ pajjiżi impenjaw ruħhom li jikkonformaw jew jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-orijini tas-SPG u li jipprovdu l-kooperazzjoni amministrattiva

meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta ta' dawn ir-regoli, kemm fir-rigward tal-Unjoni kif ukoll bejniethom.

- (5) It-talba tinkludi deskrizzjoni tal-materjali li se jintużaw taħt kumulazzjoni, li huma tabakk mhux immanifatturat u l-iskart tat-tabakk bl-intestatura 2401 tas-Sistema Armonizzata (SA), kif ukoll il-fażijiet tal-ipproċessar u l-proċessi ta' sostenn li għandhom jitwettqu fis-Sri Lanka.
- (6) Il-pajjiżi li qed jagħmlu t-talba jgħidu li l-kumulazzjoni transreġjonali, jekk tingħata, ikollha effetti pożittivi fuq l-ekonomiji taż-żewġ pajjiżi u ma taffettwax b'mod ħażin is-setturi tal-ekonomija tal-Unjoni involuti fil-produzzjoni u l-bejgħ tas-sigarri.
- (7) Għalhekk għandha tingħata l-possibbiltà lis-Sri Lanka li takkumula materjal tal-intestatura 2401 tas-SA li joriġina fl-Indoneżja, sakemm iż-żewġ pajjiżi jibqgħu pajjiżi benefiċjarji tas-SPG fis-sens tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.
- (8) Il-Kummissjoni Ewropea se timmonitorja l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet li jirriżultaw minn din l-awtorizzazzjoni u fid-dawl ta' dan il-monitoraġġ, tista' tikkonsidra mill-ġdid din l-awtorizzazzjoni abbażi ta' kriterji bħalma huma ż-żieda fil-kwantità tal-importazzjonijiet.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-Sri Lanka hija b'dan intitolata tuża, skont l-Artikolu 86(5) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, tabakk mhux immanifatturat u skart tat-tabakk tal-Kodiċi 2401 AS li joriġinaw fl-Indoneżja taħt kumulazzjoni tal-orijni. Skont l-Artikolu 86(2)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, dan id-dritt huwa bil-kundizzjoni li s-Sri Lanka u l-Indoneżja, fiż-żmien meta jkunu qed jesportaw il-prodott lejn l-Unjoni, jibqgħu t-tnejn pajjiżi benefiċjarji skont it-tifsira tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

⁽¹⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO
